31986L0096

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Marzu 1986

li temenda d-Direttiva 80/232/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-meded ta' kwantitajiet nominali u kapaċitajiet nominali permessi għal ċerti prodotti imballati minn qabel

(86/96/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi, minħabba l-adozzjoni fil-15 ta' Jannar 1980 tad-Direttiva 80/232/KEE ([4]), inħolqu diffikultajiet, partikolarment fir-rigward ta' l-isem ta' ċerti prodotti fl-Anness I u l-interpretazzjoni tal-paragrafu introduttorju ta' l-Anness III;

Billi bħala riżultat l-imsemmija l-Annessi għandhom ikunu emendati,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Annessi I u III mad-Direttiva 80/232KEE huma hawnhekk emendati bi qbil ma' l-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar minnotifika tagħha ([5]). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mill-ewwel b'dan.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-18 ta' Marzu, 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

W. F. EEKELEN

([1]) ĠU C 18, tal-25.1.1984, p. 7.
([2]) ĠU C 46, tat-18.2.1985, p. 92.
([3]) ĠU C 206, tas-6.8.1984, p. 17.
([4]) ĠU L 51, tal-25.2.1980, p. 1.

([5]) Din id-Direttiva kienet innotifikata lill-Istati Membri fit-18 ta' Marzu, 1986.

L-ANNESS

1. Fl-Anness I, il-punti 1.5 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"1.5.4. Ikel imħejji minn qabel miksub l-istess bħall-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (ross minfuħ, *corn flakes* u prodotti simili) (Tariffa Komuni Doganali titolu Nru 19.05)

250 — 375 — 500 — 750 — 1 000 — 1 500 — 2 000.'.

4. ŻEBGĦA LESTA GĦALL-UŻU U LOSTRU (bi jew mingħajr solventi miżjuda, Tariffa Komuni Doganali subtitolu 32.09 A II teskludi pigmenti jew soluzzjonijiet imxerrda) (kwantitajiet f'ml)

25 — 50 — 125 — 250 — 375 — 500 — 750 — 1 000 — 2 000 — 2 500 — 4 000 — 5 000 — 10 000.".

2. Fl-Anness III, il-paragrafu introduttorju jitbiddel b'dan li ġej:

"Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8(1)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE ta' l-20 ta' Mejju, 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' l-*aerosol dispensers*, prodotti mibjugħa *f'aerosols* li jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva m'hemmx bżonn ikunu mmarkati bil-piż nominali tal-kontenuti tagħhom.".